1995, u talba għall-kundanna tal-Kummissjoni għall-ħlas tal-kumplament tal-għajnuna finanzjarja skont l-Artikolu 238 KE.

Dispożittiv

1) Ir-rikors huwa miċħud bħala inammissibbli.

2) Caixa Geral de Depósitos, SA hija kkundannata tbati l-ispejjeż tagħha kif ukoll għal dawk sostnuti mill-Kummissjoni Ewropea.

3) Ir-Repubblika Portugiża għandha tbati l-ispejjeż tagħha.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali (It-Tmien Awla) tat-3 ta' Marzu 2011 — Evropaïki Dynamiki vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-589/08)

"Kuntratti pubbliċi għal servizzi — Proċedura ta' sejħa għal offerti — Għoti ta' servizzi tal-informatika u ta' għajnuna lill-utenti fir-rigward tas-sistema Komunitarja tal-iskambju ta' drittijiet ta' emissjoni — Ċaħda tal-offerta — Kriterji ta' għoti — Obbligu ta' motivazzjoni — Żball manifest ta' evalwazzjoni — Trattament ugwali — Trasparenza"

1. *Kuntratti pubbliċi tal-Komunitajiet Ewropej — Konklużjoni ta' kuntratt wara sejħa għal offerti — Setgħa diskrezzjonali tal-istituzzjonijiet — Stħarriġ ġudizzjarju — Limiti (ara l-punt 24)*

2. *Atti tal-istituzzjonijiet — Motivazzjoni — Obbligu — Portata (Artikolu 296 TFUE) (ara l-punti 63, 64, 80)*

3. Responsabbiltà mhux kuntrattwali — Kundizzjonijiet (it-tieni paragrafu tal-Artikolu 340 TFUE) (ara l-punt 112)

Suġġett

Minn naħa, talba għall-annullament tad-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni, tat-13 ta' Ottubru 2008, li jiċħdu l-offerti mressqa mir-rikorrenti fir-rigward ta' kull wieħed mit-tliet lottijiet fil-kuntest tas-sejħa għal offerti miftuħa DG ENV.C2/FRA/2008/0017 "Kuntratt qafas dwar is-sistema tal-iskambju ta' kwoti ta' emissjoni — CITL/CR" (2008/S 72-096229) u li dawn l-kuntratti jingħataw lil offerent ieħor u, min-naħa l-oħra, talba għad-danni.

Dispożittiv

1) Ir-rikors huwa miċħud.

2) Evropaïki Dynamiki — Proigmena Systimata Tilepikoinonion Pliroforikis kai Tilematikis AE hija kkundannata għall-ispejjeż.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali (Ir-Raba' Awla) tat-8 ta' Marzu 2011 — World Wide Tobacco España vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-37/05)

"Kompetizzjoni — Akkordji — Suq Spanjol tax-xiri u tal-ewwel ipproċessar ta' tabakk mhux maħdum — Deċiżjoni li tikkonstata ksur tal-Artikolu 81 KE — Iffissar tal-prezzijiet u tqassim tas-suq — Multi — Effett dissważiv — Trattament ugwali — Ċirkustanzi attenwanti — Limitu massimu ta' 10 % tad-dħul mill-bejgħ — Kooperazzjoni"